GUDJA

# Kunsill Lokali Gudja

## Pjan ta' Ħidma

## Jannar 2011 sa Diċembru 2013

## u

## Budget

## 2011

Kunsill Lokali-Gudja-Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: JM Calleja; Viċi-Sindku: R. Baldacchino; Kunsilliera: MA Sammut, O. Pace, A. Dalli

## Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għandu jkun ibbażat fuq il-konsultazzjoni mar-residenti sabiex il-prinċipji tas-sussidjarita u solidarjeta joħolqu s-sissien u pjattaforma tax-xogħol u progress meħtieġ.

## L-istqarrija ta' missjoni

Il-Kunsill Lokali Gudja ġie elett mill-poplu tal-Gudja, il-Kunsill huwa għal benefiċċju tal-poplu u l-Kunsill rrid joħloq il-ġid u progress għar-residenti tal-Gudja u b'mod aktar mifrux għal ġens Malti kollu.

Is-servizzi bażiċi tal-Kunsill huma stabbiliti u magħrufa. Il-Kunsill qed ukoll jipprepara l-ħidma tiegħu dwar il-bidla fil-klima, l-ħarsien ta' l-ambjent b'mod partikolari t-tniġġis ta' l-arja u jkompli fil-ħidma dwar l-indafa fil-Gudja u s-separazzjoni ta' l-iskart li aktar minn 35% tal-iskart kollu għandu jkun separat għar-riċiklaġġ, u proġetti dwar l-enerġija nadifa.

Il-Kunsill jrid ikompli jkun ta' siewi fil-qasam ta' politiku socjali, edukazzjoni u ħolqien ta' impjiegi speċjalment għan-nies tal-Gudja. Il-Kunsill jagħmel dak kollu possibli sabiex il-qalba tar-raħal tal-Gudja tiġi preservata. Għal dan il-għan il-Kunsill ikun lest ukoll jidħol fil-programm ta' Public Private Partnership (PPP) sabiex in-nies tal-Gudja ikollha l-aqwa u l-aħjar proġetti li jidgawdew sew minn nies preżenti kif ukoll mill-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-wirt kulturali, storiku u l-wirt naturali tal-Gudja mhux biss għandu jiġi mħares iżda ukoll jintuża sabiex dan il-wirt jiġġenera xogħol bi qliegħ kemm għan-nies anzjani kif ukoll żgħażagħ Gudjani.

Il-Kunsill irid ukoll jinkoraġġixxi l-qasam tal-volontarjat sabiex b'hekk il-ħidma tal-Kunsill tkun mifruxa u sostenibbli. Dan ikun ifisser aktar ġid li jidgawdew minn kulħadd.

Il-Kunsill jkompli jkun impjenjat fil-qasam ta' l-isport, f'diversi oqsma u jagħmel emfażi fuq l-edukazzjoni fiżika. Il-Kunsill jaħdem ukoll dwar il-qasam tar-rikreazzjoni għal kulħadd u jara li l-ispazji għal dan l-iskop ikunu mħarsa u b'apparat ta' l-aqwa kwalita.

## Valuri, għanjiet, effiċjenza u organizzjoni

Il-Kunsill jaħdem mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u agenziji oħra bħall Appoġġ sabiex joffri aktar servizzi mill-bini tal-Kunsill sabiex in-nies tal-Gudja jkomplu jinqdew aħjar

Il-Kunsill huwa organu awtonomu iżda jrid jaħdem skond kif stipulat mill-Liġi dwar il-Kunsilli Lokali u proċeduri u direttivi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-ħidma tal-Kunsill għandha tkun effiċjenti u effettiva. Id-deċiżjonijiet jittieħdu qrib in-nies tal-Gudja u n-nies tal-Gudja huma fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill. L-akkontabilita tal-Kunsill ma tonqosx u l-Kunsill jara li kull infieq issir bil-galbu u fl-aħjar interess u kif jeħtieġu l-eżiġenzi tan-nies tal-Gudja.

Il-Kunsill iħoss li r-riżorsi umani tal-Kunsill għandhom jissaħħu. Il-Kunsill għandu jingaġġa nies esperti sabiex dawn jiddedikaw il-ħin kollu tagħhom dwar proġetti u finanzjament kemm mill-fondi tal-Gvern Lokali kif ukoll fondi mill-Ewropa. Għandha tinbena struttura sabiex il-Kunsill ikun jista jaħtaf kull opportunita dwar fondi Ewropew u dawk addizzjonali mill-Gvern Ċentrali u Awtoritajiet oħra.

Il-Kunsill ikompli jimxi fuq il-prinċipju ewlieni li jaġixxi bħal kap ta' familja għaqli li filwaqt li jara li l-familja ma tkunx bl-ebda mod batuta, kull infieq issir bil-galbu u bla ħela. Il-fondi fdati f'idejn il-Kunsill jiġu utilizzati bl-akbar għaqal u b'hekk l-akbar valur għal flus li jintefqu. Il-Kunsill għandu l-Bniedem fiċ-ċentru ta' kull ħidma u attivita tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun preparat b'kull mod possibli sabiex jottjeni l-fondi u irżorsi massimi possibli sabiex jwettaq proġetti b'diversita li jkunu ta' fejda kontinwa għan-nies tal-Gudja

## Tbassir dwar il-Finanzi, Rendiment u l-Iżvilupp Kapitali

Skond il-prinċipji msemmija aktar il-quddiem, il-Kunsill jixtieq jisma x-xewqat u idejat tar-residenti tal-Gudja sabiex jikkonsidra l-estimi u n-nefqa għas-sena finanzjarju 2011.

Il-Kunsill jagħmel dak kollu possibli sabiex l-aspirazzjonijiet tan-nies tal-Gudja jiġu milħuqa.

Bit-tqassim tax-xogħol skond kif muri fit-tabella tad-dekasteri tas-Sindku s-Sur John-Mary Calleja, Viċi-Sindku s-Sur Romeo Baldacchino, tal-Kunsillier rispettivi s-Sur Mark Anthony Sammut, s-Sur Osvaldo Pace u s-Sur Anthony Dalli, il-Kunsill qed juri li għandu l-ħeġġa u l-ippjanar meħtieġ sabiex jagħti l-aqwa servizz ta' kwalita u b'hekk in-nies kollha tal-Gudja, waqt li jkompli jkunu magħqudin flimkien, ikollhom il-Paċi u Sliem u l-għola dinjita u rispett li jixirqilhom.

F'isem il-Kunsill Lokali Gudja inroddu ħajr u ngħidu Grazzi lill-Gudjani kollha u lil kull min ħadem, ipparteċipa u jkkopera fid-diversi oqsma ta' servizz favur il-kommunita' ġewwa l-Gudja.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa<br>Segretarju Esekuttiv | John-Mary Calleja<br>Sindku |